PDF Compressor Pro



Waqt il-Quddiesa konċelebrata fil-Knisja Katidrali

50 Sena ta' Saċerdozju

Ħames Saċerdoti Għawdxin nhar l-Erbgħa 7 t'April, filgħaxija, fakkru l-Ġublew tad-Deheb (egħluq il-50 sena ta' Saċerdozju) b'quddiesa ta' ringrazzjament fil-Katidral bil-Prim Konċelebrant ikun Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritu għal Għawdex. Mons. Isqof għamel kelmtejn sbieħ u f'waqthom dwar is-Saċerdozju.

Is-saċerdoti huma, il-Kanonku Gużeppi Sacco, Dun Franġisk Saliba, it-tnejn mir-Rabat, Għawdex, Mons. Franġisk Debrincat mill-Munxar, Dun Ġużepp Zammit mill-Għasri u Dun Manwel Spiteri minn Sannat.



Il-Chorus Urbanus, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Għar fil-Mellieħa

Il-Chorus Urbanus jikkommemora l-Ħames Anniversarju mill-Mewt ta' Papa Ġwanni Pawlu II

Nhar il-Ħadd 11 t'April, kor mir-Rabat, Għawdex, il-*Chorus Urbanus*, ġie mistieden biex janima l-liturġija tal-Ħadd mmexxija mill-Eċċ. Tiegħu. Adeodato Micallef, Isqof Emeritu, fis-Santwarju tal-Madonna tal-Għar fil-Mellieħa. Din il-quddiesa, li ġiet trasmessa diretta fuq l-istazzjon tat-Televiżjoni Nazzjonali, TVM, kienet qed tikkommemora egħluq il-ħames snin mill-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II u serviet bħala ftuħ taċ-ċelebrazzjonijiet li kkulminaw fiż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta bejn is-17 u 18 t'April. Din it-trasmissjoni kienet waħda minn sensiela ta' xandiriet li jsiru fuq dan l-istazzjon kull nhar ta' Ħadd filgħodu.

Preżenti għal din il-quddiesa kien hemm il-membri tal-Ordni tas-Santu Sepulkru kif ukoll membri tal-Fondazzjoni Papa Ġwanni Pawlu II li fost l-oħrajn kienu responsabbli mit-twaqqif tal-monument tal-Papa Ġwanni Pawlu II fir-Rabat Għawdex.

Il-kor, li kien taħt id-direzzjoni ta' Dr. John Galea, surmast direttur ta' l-istess kor, kanta innijiet reliġjużi kompożizzjoni ta' Joseph Bezzina, Palestrina, Caruana u Taizè. Waqt l-omelija ġiet mxandra produzzjoni li fiha l-Arċisqof Pawl Cremona wassal il-messaġġ tiegħu lill-Poplu Malti fl-okkażjoni taż-żjara tal-Papa f'Malta. Huwa ħeġġeġ lil kulħadd biex jipprepara ruħu spiritwalment għal din iż-żjara biex jinkiseb l-aktar ġid possibbli minn dan l-avveniment storiku.

Il-*Chorus Urbanus* kien jifforma parti fundamentali mill-kor li twaqqaf biex janima l-Quddiesa li qaddes il-Papa fuq il-Fosos tal-Furjana tul iż-żjara tiegħu. Fil-fatt, il-membri tal-*Chorus Urbanus* flimkien ma' koristi oħra Maltin u Għawdxin li ntagħżlu apposta għal din iċ-ċelebrazzjoni, kantaw il-quddiesa *Missa In Fractione Panis* kompożizzjoni ta' Dr. John Galea li ntagħżlet apposta mill-Vatikan minn fost sitt sottomissjonijiet. Flimkien mal-130 membru li jiffurmaw il-kor ta' l-adulti, kor ieħor ta' madwar 120 tifel u tifla ħa sehem ukoll fl-esekuzzjoni tal-quddiesa u ta' l-innijiet reliġjużi li tkantaw. Jakkumpanjaw il-korijiet kien hemm il-*Versatile Brass Ensemble* magħmula mill-aqwa mużiċisti Maltin u Għawdxin. Il-kompożitur innifsu dderieġa l-quddiesa filwaqt li Mro. Andre Paul Huber dderieġa lill-kor tat-tfal.

MINN GĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



Mons. Arċipriet Pawlu Cardona jidher ibierek il-wirja

Wirja ta' Inċiżjonijiet

Bi tħejjija għaż-żjara f'Malta tal-Qdusija Tiegħu Benedittu XVI, fil-kappellun ta' San Pawl, tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ, ir-Rabat, Għawdex, fuq inizjattiva tal-Kumitat Storiku Kulturali tal-istess Knisja, ittellgħet wirja ta' inċiżjonijiet oriġinali li jirrappreżentaw in-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta.

Fil-wirja li ġiet inawgurata u mbierka mill-Arċipriet tal-Knisja Bażilika, Monsinjur Pawlu Cardona, il-Ħadd, 11 t'April, filgħodu, wieħed seta' jara wkoll bibbja antika tas-sena 1574, barra in-numru sabiħ ta' settijiet ta' inċiżjonijiet tas-sekli 16, 17, 18 u 19, li jikkonċernaw il-ħajja, il-predikazzjoni, in-nawfraġju u l-martirju ta' San Pawl, li lkoll ġew mislufa lill-bażilika mill-kollezzjoni privata tal-Professur Joseph Vella. Il-wirja baqgħet miftuħa sal-Ħadd 18 t'April.



Chiara Sultana ta' tmien snin mix-Xagħra akkumpanjata fuq il-pjanu minn Stephen Attard

Kunċerti mtella' mill-iskola tal-Mużika f'Għawdex

Nhar il-Ħamis, 25 u it-Tnejn, 29 ta' Marzu, l-Iskola tal-Mużika ta' Għawdex tellgħet żewġ kunċerti f'waħda mis-Swali tal-Esibizzjonijiet, fil-Ministeru għal Għawdex, fir-Rabat. Fihom ħadu sehem 46 student tal-vjolin, pjanu u flawt. Studenti li lkoll jattendu l-iskola tal-Mużika, mgħallma minn Marouska Attard, Dun George J Frendo, Stephen Attard u Sarah Ellis. L-istudenti li ħadu sehem huma bejn is-7 u s-17 sena, kollha f'livelli differenti, minn dak Preliminarju sa dak Intermedjarju IV. L-istudenti daqqew b'mod konvinċenti quddiem udjenza li apprezzat l-isforz kbir li sar biex jittellgħu dawn il-kunċerti. L-għan ta' dan it-tip ta' kunċerti hu li l-Iskola tal-Mużika ta Għawdex tipprovdi lill-istudenti tagħha b'opportunitajiet differenti fejn huma ikunu jistgħu jesperjenzaw il-mużika f'ambjenti differenti. Fil-fatt, dawn il-kunċerti saru parti importanti ħafna fil-kalendarju skolastiku ta' l-Iskola.



Ryan Attard ta' disa' snin mix-Xewkija akkumpanjat fuq il-pjanu minn Stephen Attard, waqt il-Kunċert li sar it-Tnejn 29 ta' Marzu